Nru./No. 19,639
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2016
Friday, 16th September, 2016

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7237 - 7241
Government Notices ..... *7237 - 7241*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7241 - 7243
Police Notices ..... *7241 - 7243*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7243 - 7246
Notices to Mariners ..... *7243 - 7246*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 7246 - 7263
Employment Opportunities ..... *7246 - 7263*

Avviżi tal-Gvern ..... 7263 - 7274
Notices ..... *7263 - 7274*

Offerti ..... 7274 - 7295
Tenders ..... *7274 - 7295*

Avviż tad-Direttorat għar-Reġistrazzjoni tal-Proprjetà Industrijali 7296
Industrial Property Registrations Directorate Notice *7296*

Avviżi tal-Qorti ..... 7296 - 7312
Court Notices ..... *7296 - 7312*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 986

ATT DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR (KAP. 551)

It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

SKONT l-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-President ta' Malta ħatar lill-persuna li ġejja biex isservi fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għall-perjodu b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2016 sat-3 ta' April, 2021 kif ġej:

Membru Sostitut
Perit Sandra Fiott, A&CE

Is-16 ta' Settembru, 2016

Nru. 987

BORD TAL-APPELLI DWAR IR-RIFUĠJATI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap. 420), il-Prim Ministru għoġbu japprova dawn il-ħatriet fuq il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati

Awla - Wieħed

Chairperson
Dr Claudio Zammit, BA, LLD, MJur (Eu. Law)

Membri
Dr Benjamin Valenzia, BA, LLD Magister Juris in European and Comparative Law
Is-Sur James Pearsall, MSc (Leicester)
Is-Sa Jackie Marney

Awla - Tlieta

Chairperson
Dr John Buttigieg, LLD

Membri
Is-Sur Charles Cassar, Dip. Lab Stud., MBA(Exec), Cert. Mediator(UK)
Is-Sa Rose Fenech
Is-Sur Roderick Cachia

GOVERNMENT NOTICES

No. 986

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL ACT (CAP. 551)

The Environment and Planning Review Tribunal

IN terms of Article 4 of the Environment and Planning Review Tribunal Act, the President of Malta has appointed the following person to serve in the Environment and Planning Review Tribunal for a period with effect from 1st September, 2016 up to 3rd April, 2021 as follows:

Substitute Member
Architect Sandra Fiott, A&CE

16th September, 2016

No. 987

REFUGEE APPEALS BOARD

IT is hereby notified that in exercise of powers conferred by the Refugee Act (Cap. 420), the Prime Minister has approved the following composition of the Refugee Appeals Board:

Chamber - One

Chairperson
Dr Claudio Zammit, BA, LLD., MJur (Eu. Law)

Members
Dr Benjamin Valenzia, BA LLD Magister Juris in European and Comparative Law
Mr James Pearsall MSc (Leicester)
Ms Jackie Marney

Chamber - Three

Chairperson
Dr John Buttigieg, LLD

Members
Mr Charles Cassar, Dip. Lab Stud., MBA(Exec), Cert. Mediator(UK)
Ms Rose Fenech
Mr Roderick Cachia

Awla - Erbgħa

Chairperson
Dr Chris Soler, BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles.Melit., MA (Sussex), LLM (Sussex)

Membri
Dr Kevan Azzopardi, BA, LLD
Is-Sur Joseph Desira
Is-Sa Greta Bondin

Dawn il-ħatriet daħlu fis-seħħ fit-12 ta' Settembru, 2016 għal perjodu ta' tliet snin.

Is-16 ta' Settembru, 2016

Nru. 988

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Birżebbuġa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

Chamber – Four

Chairperson
Dr Chris Soler BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles.Melit., MA (Sussex), LLM.(Sussex)

Members
Dr Kevan Azzopardi, BA, LLD
Mr Joseph Desira
Ms Greta Bondin

These appointments came into force with effect from the 12th September, 2016 for a period of three years.

16th September, 2016

No. 988

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of doors in the under mentioned street at Birżebbuġa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
BIRŻEBBUĠA

MISRAĦ SAN ĠORĠ PRECA

Meta tidħol minn
Triq Il-Port Ħieles

Entering from
Triq Il-Port Ħieles

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Garaxx	2
Garaxx	3
Garaxx	4
44, Koala Flats	5
42, Redentore	6
Garaxx	7
38, Dewdrop	8
36, Serenity	9
Garaxx	10
M.U.S.E.U.M.	11
Garaxx	12

Is-16 ta' Settembru, 2016

16th September, 2016

Nru. 989

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)

Bord ta' Appell

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 16 tal-Att tal-2008 dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatar lis-Sa Consiglia Bonello bħala membru fuq il-Bord tal-Appell minflok Dr Clarissa Sammut Scerri.

Din il-ħatra hija għal perjodu ta' tliet snin b'effett mit-12 ta' Settembru, 2016.

Is-16 ta' Settembru, 2016

No. 989

ADOPTION ADMINISTRATION ACT (CAP. 495)

Board of Appeal

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 16 of the Adoption Administration Act of 2008 (Cap. 495), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed Ms Consiglia Bonello as member on the Board of Appeal instead of Dr Clarissa Sammut Scerri.

This appointment is for a period of three years with effect from the 12th September, 2016.

16th September, 2016

Nru. 990

ATT DWAR IL-*FOSTER CARE* (KAP. 491)

Bord tal-Appell

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 14 tal-Att dwar il-Foster Care (Kap. 491), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra tas-Sa Consiglia Bonello bħala membru fuq il-Bord tal-Appell minflok Dr Clarissa Sammut Scerri.

Din il-ħatra hija għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-12 ta' Settembru, 2016.

Is-16 ta' Settembru, 2016

No. 990

FOSTER CARE ACT (CAP. 491)

Board of Appeal

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 14 of the Foster Care Act (Cap. 491), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment Ms Consiglia Bonello as member on the Board of Appeal instead of Dr Clarissa Sammut Scerri.

This appointment is for a period of three years with effect from 12th September, 2016.

16th September, 2016

Nru. 991

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikoltura approva li s-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2016, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel se jkunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tar-*Royal Malta Yacht Club*.

Is-16 ta' Settembru, 2016

No. 991

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 22nd October, 2016 the Lower Barakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of The Royal Malta Yacht Club.

16th September, 2016

Nru. 992

AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI

Strument ta' Delega skont id-Dispożizzjonijiet tal-Artiklu 9 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qed tawtorizza l-uffiċjali hawn taħt imsemmija, taħt il-kundizzjonijiet li huma speċifikati kif ġej, biex jaġixxu f'isimhom u f'isem id-Direttur tal-Ambjent:

Biex joħorġu permessi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tas-segwenti:

Regolamenti tal-1992 dwar il-Ħarsien tar-Rettili (Avviż Legali 76 tal-1992; L.S. 549.02);

Regolamenti tal-2003 dwar il-Ħarsien tal-Mammiferi tal-Baħar; (Avviż Legali 203 tal-2003 kif emendat L.S. 549.35);

Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (Avviż Legali 311 tal-2006, kif emendat, L.S. 549.44);

Is-Sur Anthony Aquilina

Is-Sur Jonathan Henwood

Is-16 ta' Settembru, 2016

Nru. 993

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Paul Callus bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Keith Francis German, u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Settembru, 2016 u d-19 ta' Settembru, 2016.

Illum, it-13 ta' Settembru, 2016

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 992

ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY

Instrument of Delegation under the Provisions of Article 9 of the Environment Protection Act (Cap. 549)

The Environment and Resources Authority is hereby authorizing the following officers, under the conditions specified hereunder, to act on its behalf and on behalf of the Director of Environment:

To issue permits under the provisions and limitations of the following:

Reptiles (Protection) Regulations, 1992 (Legal Notice 76 of 1992; S.L.. 549.02);

Marine Mammals Protection Regulations, 2003; (Legal Notice 203 of 2003 as amended; S.L. 549.35);

The Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (Legal Notice 311 of 2006, as amended, S.L. 549.44);

Mr Anthony Aquilina

Mr Jonathan Henwood

16th September, 2016

No. 993

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Paul Callus to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Keith Francis German, for the period between 12th September, 2016 and 19th September, 2016.

Today, 13th September, 2016

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 994

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.9.2016	€38.265	€0.577

Is-16 ta' Settembru, 2016

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 144

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2016 mill-5.00 a.m. sal-11.00 a.m. minn Misraħ Gregorio Bonnici, Triq il-Bon Kunsill, Triq Santa Katarina, Triq San Girgor u Triq Ħal Tarxien.

Nhar is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2016 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ Repubblika, Triq San Girgor, Misraħ San Girgor, Misraħ Wistin Abela, Triq il-Ħelsien u Triq il-Ħerba.

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru, 2016 mit-8.00 a.m. 'il quddiem minn Misraħ San Girgor.

L-Imqabba

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2016 mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Pjazza tal-Knisja kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Ġilju u kantuniera ma' Triq Santa Katarina.

Il-Qrendi

Nhar is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2016 mis-1.00 p.m. sa nofsillejl tal-Ħadd, 25 ta' Settembru, 2016 minn Misraħ il-Maqluba u parti minn Triq it-Tempesta.

No. 994

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.9.2016	€38.265	€0.577

16th September, 2016

POLICE NOTICE

No. 144

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Żejtun

On Sunday, 18th September, 2016 from 5.00 a.m. till 11.00 a.m. through Misraħ Gregorio Bonnici, Triq il-Bon Kunsill, Triq Santa Katarina, Triq San Girgor and Triq Ħal Tarxien.

On Saturday, 24th September, 2016 from 8.00 p.m. onwards through Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ Repubblika, Triq San Girgor, Misraħ San Girgor, Misraħ Wistin Abela, Triq il-Ħelsien and Triq il-Ħerba.

On Sunday, 25th September, 2016 from 8.00 a.m. onwards through Misraħ San Girgor.

Mqabba

On Thursday, 22nd September, 2016 from 2.00 p.m. till 11.00 p.m. through Pjazza tal-Knisja corner with Triq il-Madonna tal-Ġilju and corner with Triq Santa Katarina.

Qrendi

On Saturday, 24th September, 2016 from 1.00 p.m. till midnight of Sunday, 25th September, 2016 through Misraħ il-Maqluba and part of Triq it-Tempesta.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru, 2016 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Salvu Astarita, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice, Triq Strickland, Triq San Lawrenz, Triq is-Santwarju u Triq il-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Settembru, 2016

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 145

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu klassifikati bħala *Tow Zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Mis-Sibt, 17 ta' Settembru, 2016 sal-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2016, bejn il-5.00 p.m. u s-2.00 a.m. minn Triq Sarria bejn Triq V. Bugeja u Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publiju bejn Triq Sarria u Triq San Publiju, Triq San Publiju bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Triq il-Miratur, Triq J.Lopez bejn Triq San Publiju u Triq Sant'Anna, Triq Isqof M.Caruana bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Pjazza Vilhena, Pjazza Vilhena, Triq Sant'Anna, il-parkeġġ ta' fuq il-Fosos il-ġurnata kollha, Pjazza E.S.Tonna kantuniera ma' Triq Sant'Anna, Triq Sarria kantuniera ma' Triq V.Bugeja, Triq San Publiju kantuniera ma' Triq l-Assedju l-Kbir, Triq San Publiju kantuniera ma' Triq il-Miratur, Triq J.Lopez kantuniera ma' Triq Sant'Anna.

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2016, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Triq il-Mall minn Triq Vincenzo Dimech sal-venda tal-karozzi tal-linja, Triq ir-Re Edwardu minn Triq l-Assedju l-Kbir sal-venda tal-karozzi tal-linja, Triq l-Assedju l-Kbir minn Triq Sant'Anna sal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Triq Sarria minn Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ tal-Arena tal-Indipendenza, il-parkeġġ ta' Triq l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ iż-żgħir ta' ħdejn il-Fosos.

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2016, mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Triq Nazzjonali kantuniera ma' Triq Robert Sammut, Triq Sarria kantuniera ma' Pjazza San Publiju, Triq l-Assedju l-Kbir kantuniera ma' Triq Sant' Anna,

Żabbar

On Sunday, 25th September, 2016 from 4.00 p.m. onwards through Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Salvu Astarita, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice, Triq Strickland, Triq San Lawrenz, Triq is-Santwarju and Triq il-Kbira.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th September, 2016

POLICE NOTICE

No. 145

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Floriana

From Saturday, 17th September, 2016 till Wednesday, 21st September, 2016, between 5.00 p.m. and 2.00 a.m. through Triq Sarria between Triq V. Bugeja and Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publiju between Triq Sarria and Triq San Publiju, Triq San Publiju between Triq l-Assedju l-Kbir and Triq il-Miratur, Triq J.Lopez between Triq San Publiju and Triq Sant'Anna, Triq Isqof M.Caruana between Triq l-Assedju l-Kbir and Pjazza Vilhena, Pjazza Vilhena, Triq Sant'Anna, Granaries parking area all day, Pjazza E.S.Tonna with Triq Sant'Anna, Triq Sarria with Triq V.Bugeja, Triq San Publiju with Triq l-Assedju l-Kbir, Triq San Publiju with Triq il-Miratur, Triq J.Lopez with Triq Sant'Anna.

On Wednesday, 21st September, 2016, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m. through Triq il-Mall from Triq Vincenzo Dimech till the Bus Terminus, Triq ir-Re Edwardu from Triq l-Assedju l-Kbir till the Bus Terminus, Triq l-Assedju l-Kbir from Triq Sant'Anna till the Ministry for Education and Employment, Triq Sarria from Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir, Independence arena parking area, Triq l-Assedju l-Kbir parking area, the small parking area near the Granaries.

On Wednesday, 21st September, 2016, from 9.00 a.m. till 2.00 p.m. from Triq Nazzjonali corner with Triq Robert Sammut, Triq Sarria corner with Pjazza San Publiju, Triq l-Assedju l-Kbir corner with Triq Sant' Anna, Triq l-Assedju

Triq l-Assedju l-Kbir kantuniera mal-parkeġġ ta' Hannibal Scicluna, Triq il-Mall kantuniera mal-venda tal-karozzi tal-linja, Triq il-Mall kantuniera ma' Triq Vincenzo Dimech, Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Pjazza San Kalċidonju, Triq Sarria kantuniera ma' Triq V.Bugeja, Pjazza E.S.Tonna kantuniera ma' Triq Sant'Anna.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2016 mill-5.00 a.m. sal-11.30 a.m. minn Triq Sant'Ursula bejn Triq San Ġwann u Triq l-Arċisqof, Triq l-Arċisqof bejn Triq Sant'Ursula u Triq Repubblika, Triq Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Ġwann, Triq San Ġwann bejn Triq Repubblika u Triq Merkanti, Triq Merkanti bejn Triq San Ġwann u Triq Melita, Triq Melita bejn Triq Merkanti u Triq San Pawl u Triq San Pawl bejn Triq Melita u Triq San Gwann.

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2016, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Pjazza Indipendenza, il-parkeġġ fi Triq l-Assedju l-Kbir (tal-Pilar).

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Settembru, 2016

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 72 tal-2016

Restrizzjonijiet ta' tbaħħir fil-Bajja tar-Ramla tal-Mixquqa minħabba Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf illi l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) qed timponi restrizzjonijiet ta' dħul fil-Bajja tar-Ramla tal-Mixquqa minħabba ż-żona ta' emerġenza għall-konservazzjoni tal-enerġija li hija ta' importanza ekoloġika u xjentifika.

L-ebda bastiment m'huwa permess fil-bajja (jekk mhux awtorizzat mill-Awtorità msemmija hawn fuq) kif muri bil-linja immaġinarja ħamra fuq iċ-*chart* li tinstab fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Ir-restrizzjonijiet japplikaw b'seħħ immedjat u sal-15 ta' Ottubru, 2016. Il-ħin tar-restrizzjonijiet ta' matul il-jum huwa bejn nżul u tlugħ tax-xemx.

Huma għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS).

Is-16 ta' Settembru, 2016

l-Kbir corner with parking of Hannibal Scicluna, Triq il-Mall corner with the Bus Terminus, Triq il-Mall corner with Triq Vincenzo Dimech, Triq Vincenzo Dimech corner with Pjazza San Kalċidonju, Triq Sarria corner with Triq V.Bugeja, Pjazza E.S.Tonna corner with Triq Sant'Anna.

Valletta

On Sunday, 18th September, 2016 from 5.00 a.m. till 11.30 a.m. through Triq Sant'Ursula between Triq San Ġwann and Triq l-Arċisqof, Triq l-Arċisqof between Triq Sant'Ursula and Triq Repubblika, Triq Repubblika between Triq l-Arċisqof and Triq San Ġwann, Triq San Ġwann between Triq Repubblika and Triq Merkanti, Triq Merkanti between Triq San Ġwann and Triq Melita, Triq Melita between Triq Merkanti and Triq San Pawl and Triq San Pawl between Melita and San Gwann.

On Wednesday, 21st September, 2016, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m. from Pjazza Indipendenza, the parking with Triq l-Assedju l-Kbir (tal-Pilar).

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th September, 2016

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 72 of 2016

Navigation restrictions in Ir-Ramla tal-Mixquqa Bay due to an Emergency Conservation Order

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that Environment and Resources Authority (ERA) is imposing entry restrictions in ir-Ramla tal-Mixquqa Bay in respect of an emergency conservation area which is of ecological and scientific importance.

No vessel is allowed within the bay (unless authorised by the above mentioned authority) as shown enclosed by a red imaginary line on chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The restrictions will apply with immediate effect and until the 15th October, 2016. The time of daily restrictions is between dusk and dawn.

They are to comply with any instructions which may be issued by Valletta Port Control (Valletta VTS).

16th September, 2016

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 73 tal-2016

Rolex Middle Sea Race 2016

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li r-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2016. B'żieda ma' dan se ssir ukoll tellieqa max-xatt nhar l-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2016.

Il-programm tat-tlielaq se jkun kif ġej:

a) L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2016

It-tellieqa max-xatt tibda fl-10.00 a.m.

It-tellieqa se tibda mill-Port ta' Marsamxett, u skont il-kundizzjonijiet tat-temp, se tiġbed jew lejn Kemmuna u/jew Għawdex u/jew Filfla u tispiċċa fil-Port ta' Marsamxett.

Il-baħħara huma mitluba biex ma jostakolawx il-mogħdija f'Marsamxett waqt il-bidu tat-tellieqa max-xatt u joqogħdu attenti waqt is-sigħat li jkun fadal tal-Erbgħa, 19 ta' Ottubru 2016.

b) Is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2016

Ir-Rolex Middle Sea Race se tibda għall-ħabta tal-11.00 a.m.

It-tellieqa se titlaq mill-Port il-Kbir, minn linja immaġinarja mill-Ponta ta' Sant' Anġlu sal-arblu tal-Valletta Saluting Battery.

Wara l-*yachts* jiġbdu f'direzzjoni lejn il-Grigal tul il-kanal tal-Port il-Kbir fejn se jkun hemm żubrun isfar minfuħ marbut barra ll-*Breakwater* ta' Sant Iermu li se jitħalla fuq ix-xellug tal-port. (Iż-żubrun muri bħala 1 fiċ-*charts* li jinsabu fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Il-*yachts* wara jiġbdu fid-direzzjoni lejn il-Majjistral lejn is-sikek ta' San Ġorġ lejn it-tieni żubrun isfar minfuħ, (kif muri bħala 2 fuq *chart* 2) Iż-żubrun (2) se jitħalla fuq in-naħa tal-lemin tal-*yachts* .

Il-*yachts* umbagħad jiġbdu fid-direzzjoni ta' Grieg it-Tramuntana lejn Sqallija.

Il-baħħara huma avżati biex is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2016, bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew ħin ieħor li jgħidulhom il-Valletta Port Control (Valletta VTS) jekk ikun qabel, il-Port il-Kbir se jkun magħluq għall-bastimenti kollha li ma jkunux direttament involuti fit-tellieqa. Bejn dawn il-ħinijiet

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 73 of 2016

Rolex Middle Sea Race 2016

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 22nd October, 2016. In addition a coastal race will also be held on Wednesday, 19th October, 2016.

The race programme is as follows:

a) Wednesday, 19th October, 2016

The Coastal Race starts at 10.00 a.m.

The start is from Marsamxett Harbour, and depending on the weather conditions, will proceed either to Comino and/or Gozo or to Munxar and/or Filfa and finish at Marsamxett Harbour.

Mariners are requested to keep the Marsamxett fairway clear during the start of the Coastal race and to keep a sharp lookout during the remaining hours of Wednesday, 19th October, 2016.

b) Saturday, 22nd October, 2016

The Rolex Middle Sea Race starts at approximately 11.00 a.m.

The start is from Grand Harbour, at an imaginary line from Saint Angelo Point to the Valletta Saluting Battery mast.

The yachts shall then proceed in a North Easterly direction along the Channel in Grand Harbour where a yellow inflatable buoy will be positioned outside the Saint Elmo Breakwater, shall be left to port. (Buoy shown as 1 on charts that can be found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt)).

The yachts shall then proceed in a North Westerly towards direction St George's shoals towards a second yellow inflatable buoy (buoy shown as 2 on chart 2). The buoy (2) shall be left to starboard.

The yachts shall than proceed in a North North Easterly direction towards Sicily.

Mariners are advised that on Saturday, 22nd October, 2016 between 9.00 a.m. and 3.00 p.m. or such time as may be communicated by Valletta Port Control (Valletta VTS) if earlier, the Grand Harbour shall be closed for all traffic not directly related to the race. Between these times all other

il-bastimenti kollha l-oħra se jkunu meħtieġa jibqgħu fiż-żoni murija fin-naħa ta' ġewwa tal-port sa Ras Ħanżir fid-Daħla tat-Tarzna, id-Daħla tal-Kalkara u l-Bajja tar-Rinella. (Iż-żoni huma murija b'kulur maġenta fuq *chart* 1).

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela u joqogħdu attenti meta jkunu qrib ir-rotot u l-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u jżommu bogħod minn min ikun qed jieħu sehem. Għandhom jobdu kull ordni li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS), AFM Patrol Boats, Transport Malta u l-bastimenti ta' infurzar li jkunu fl-inħawi.

Il-pożizzjonijiet jinsabu fil-WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 177.

Is-16 ta' Settembru, 2016

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 74 tal-2016

Iffilmjar f'Għerien ħdejn Il-Bajja ta' Santa Marija u f'Imġarr ix-Xini - 2016

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'żieda għall-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2016 rigward iffilmjar f'Għerien fejn il-Bajja ta' Santa Marija (Kemmuna) u f'Imġarr ix-Xini (Għawdex), l-attività tal-iffilmjar ġiet estiża sat-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2016 fit-8.00 p.m. u dan jinkludi il-lejl żejjed.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, iżommu distanza ta' 50m miż-żoni ta' hawn fuq u jbaħħru bil-mod malli jgħaddu fil-qrib biex ma jħallux rima. Il-baħħara u operaturi ta' bastimenti għandhom joqogħdu attenti għall-VHF *Channel* 12 u jikkoperaw mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-VTS (*Valletta Port Control*).

Charts affettwati: BA 211A u 2537.

Pożizzjonijiet riferuti għal WGS 84 DATUM.

Is-16 ta' Settembru, 2016

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 75 tal-2016

Mobility Week Campaign - Għawma fil-Port ta' Marsamxett - 2016

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li b'żieda għall-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 70 tal-2016 rigward il-*Mobility Week Campaign*, Għawma fil-

vessels shall be required to remain within designated areas in the inner harbour up to Ras Ħanżir, in Dockyard Creek, Kalkara Creek and Rinella Bay. (Areas are shown hatched in magenta on chart 1).

Mariners are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity to the above-mentioned courses and positions and when sighted, give the participants a wide berth. They are to obey any instructions that are issued by Valletta Port Control (Valletta VTS), AFM Patrol Boats and Transport Malta, Enforcement Vessels that are in the area.

Positions are in WGS 84 Datum.

Chart affected BA Chart 177.

16th September, 2016

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 74 of 2016

Filming at Caves near Santa Maria Bay and at Mġarr ix-Xini - 2016

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners that further to Local Notice to Mariners No. 69 of 2016 re Filming at Caves near Santa Maria Bay (Comino) and at Mġarr ix-Xini (Gozo), the filming activity has been extended to Tuesday, 20th September, 2016 at 8.00 p.m. and this includes the extra night.

Mariners are requested to keep a sharp look out, give a wide berth of 50m the above areas and to slow down while passing nearby to minimise the wake. Mariners and vessel operators are to keep watch on VHF Channel 12 and cooperate with the enforcement officers in the area. They are to comply with instructions issued by VTS (Valletta Port Control).

Chart affected: BA 211A and 2537.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

16th September, 2016

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 75 of 2016

Mobility Week Campaign - Swim in Marsamxett Harbour - 2016

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that further to Local Notice to Mariners No. 70 of 2016 regarding Mobility Week Campaign, Swim in Marsamxett

Port ta' Marsamxett - 2016, l-attività se sseħħ nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2016 u mhux kif intqal nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru, 2016.

L-għawma se tkun minn punt A għal punt B skont iċ-*chart* li tinstab fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, ibaħħru bil-mod u b'veloċità baxxa u jżommu 'l bogħod miż-żona matul il-ħin indikat biex jagħtu spazju lill-għawwiema. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet maħruġa mit-Taqsimiet tal-Infurzar u mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS).

Chart affettwata: BA 177

Is-16 ta' Settembru, 2016

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA

Post ta' *Quantity Surveyor* fil-*Quantity Surveying Unit* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura

(Skont l-HR Plan tal-Ministeru għas-sena 2016)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Quantity Surveyor* fil-*Quantity Surveying Unit*, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Quantity Surveyor* huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €19,320.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €22,004.00.

2.2 Persuna fil-grad ta' *Quantity Surveyor* titla' fi Skala 8 (€20,619.02x €486.83 - €23,540.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Quantity Surveyor* b'mhux anqas minn għaxar (10) snin prattika professjonali titpoġġa fi Skala 7 (€22,043.98x €531.17 - €25,231.00) jew 8 snin fil-każ ta' *Quantity Surveyors* li jkollhom xi kwalifika *post-graduate* approvata, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Quantity Surveyor* fil-*Quantity Surveying Unit*, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura jinkludu li:

Harbour - 2016, the activity is going to be held on Sunday, 18th September, 2016 and not as stated on Saturday, 17th September, 2016.

The swim will be from point A to point B as per chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Enforcement Units and Valletta Port Control (Valletta VTS).

Chart affected: BA 177

16th September, 2016

MINISTRY FOR TRANSPORT
AND INFRASTRUCTURE

Post of Quantity Surveyor in the Quantity Surveying Unit in the Works and Infrastructure Department

(As per Ministry's HR Plan for the year 2016)

Nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Transport and Infrastructure invites applications for the post of Quantity Surveyor in the Quantity Surveying Unit, in the Work and Infrastructure Division.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Quantity Surveyor is Salary Scale 9, that is, €19,320.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €22,004.00.

2.2 A Quantity Surveyor will progress to Scale 8 (€20,619.02x €486.83 - €23,540.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 A Quantity Surveyor with, at least, ten (10) years professional practice, will be placed in Scale 7 (€22,043.98 x €531.17 - €25,231.00) subject to satisfactory performance provided that the qualifying period of ten (10) years will be reduced to eight (8) in the case of Quantity Surveyors in possession of an approved post-graduate qualification.

Duties

3. The duties of Quantity Surveyor in the Quantity Surveying Unit in the Works and Infrastructure Department include:

a. Tassisti fil-ġbir ta' stimi dwar il-*budget*, tipprepara dokumenti ghal *e-tendering* inkluż kundizzjonijiet ta' kuntratti u tipprepara stimi ta' materjal, tax-xogħol u tas-servizzi kif meħtieġ;

b. Tassisti fl-evalwazzjoni ta' *tenders* u l-abbozzar ta' rapporti tekniċi;

c. Kejl fuq il-post ta' proġetti mwettqa u t-tħaddim ta' *software* għall-kejl ta' xogħlijiet;

d. Preparazzjoni ta' evalwazzjonijiet ta' kull xahar għall-pagamenti;

e. Tassisti fl-analiżi ta' prezzijiet għal ftehim mal-kuntratturi;

f. Tipprovdi għajnuna biex jintlaħaq ftehim dwar l-iffinalizzar ta' kontijiet;

g. Tiċċekkja, tevalwa u tassisti fit-tħejjija ta' rapporti dwar talbiet magħmula mill-kuntratturi fuq xogħol mhux inkluż fil-kuntratt;

h. Tattendi f'diskussjonijiet meta meħtieġ ma' kumpaniji lokali kif ukoll barranin;

i. Tipprovdi għajnuna fit-tħejjija ta' sommarji tal-fatti meħtieġa mill-avukati u tagħti xhieda kif meħtieġ fil-Qorti f'każijiet fejn ikun hemm litigazzjoni;

j. Tassigura li t-tagħmir ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ikun provdut, aċċessibbli u li jintuża mill-impjegati kollha u tizgura li r-regolamenti u l-liġijiet tas-Saħħa u Sigurtà ikunu mħarsa mill-ħaddiema kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha; u

k. Tidentifika, fejn hu possibli, setturi fejn jista' jiġi mtejjeb il-*cost management*; u

l. Tagħmel xogħol ieħor minn żmien għal żmien kif meħtieġ mill-Kap u l-Assistent Kap tal *Quantity Surveying Unit*; u

m. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

a. Assisting in the drawing up of budgetary estimates, preparing e-tendering documents including conditions of contract and preparing bills of quantities of works, supply and services as required;

b. Assisting in evaluating tenders and drafting technical reports;

c. Measurement on site of executed projects and operation of works measurement software;

d. Preparation of monthly evaluations for payments;

e. Assisting in analysing prices for agreements with contractors;

f. Providing support in the settlement of final accounts;

g. Checking, evaluating and assisting in reporting on extra-contractual claims submitted by contractors;

h. Attending, on request, discussions with local and foreign firms;

i. Providing support in preparing briefs for legal counsel and giving evidence, as required, in Courts of Law in cases of litigation;

j. Ensuring the availability, accessibility and use of Health and Safety equipment and apparel by all employees and ensures that the laws and regulations in this regard are being strictly adhered to by all employees under his/her charge;

k. Identifying, where possible, areas of improvement as regards cost management;

l. Carrying out other duties as may be determined from time to time by the Head and or Assistant Head Quantity Surveying Unit; and

m. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw fil-lingwa Maltija u Ingliża;

(iii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta fl-livell 6 tal-MQF (li jkollha minimu ta' 180 ECTS/ECVET *credit*, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li nbdew minn Ottubru 2003) fil-*Quantity Surveying*:

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika *Master's* fil-Livell 7 tal-MQF għandu jkollha minimu ta' 60 ECTS/ECVET *credit* fir-rigward ta' programmi li nbdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (with a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Quantity Surveying.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet the specified subject requirements. A Master's qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) ikunu ta' kondotta li hi xierqa ghall-post/pożizzjoni li l-persuna qed tapplika ghaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid- Direttur (People Management), Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Il-Furjana FRN 1700 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2016. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

(iv) of conduct which is appropriate to the post/position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director (People Management), Ministry for Transport and Infrastructure, Human Resources Section, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana FRN 1700 by not later than noon *(Central European Time)* of Monday, 3rd October, 2016. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and datec of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti
